Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9643 — ENGIE/Versicherungskammer/Portfolio Companies)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 405/11)

1. Fl-20 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ENGIE S.A. (Franza),

— Versicherungskammer Bayern Versicherungsanstalt des öffentlichen Rechts (il-Ġermanja),

— SUN PV HOLDING li hija proprjetarja ta' SolaireDigne, SolaireSignes, SolaireIstres 2, SAS du Soleil, SAS des Landes de la Motte, SolaireChatellerault u SolaireLaMotte ("il-Kumpaniji tal-Portafoll", kollha fi Franza). Dawn il-kumpaniji bħalissa huma kollha proprjetà ta' ENGIE S.A.

ENGIE S.A. ("ENGIE") u Versicherungskammer Bayern Versicherungsanstalt des öffentlichen Rechts ("Versicherungskammer Bayern") jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' SUN PV HOLDING (Franza).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ENGIE: ENGIE hija kumpaniji industrijali attiva fl-oqsma tal-provvista tal-gass u l-elettriċità kif ukoll fis-servizzi tal-enerġija,

— Versicherungskammer Bayern: Versicherungskammer Bayern hija assikuratur pubbliku Ġermaniż li tipprovdi assigurazzjoni personali u fuq il-proprjetà,

— SUN PV HOLDING: SUN PV HOLDING se tkun attiva fil-ġenerazzjoni tal-elettriċità permezz tal-impjanti tal-enerġija fotovoltajċi li jinsabu fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9643 — ENGIE/Versicherungskammer/Portfolio Companies

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.